MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Numru 763/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt. Michael Mallia)**
**vs**
**Nicola Debono**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni miguba kontra **Nicola Debono** ta' 49 sena, iben Joseph u Anna nee' Spiteri, imwieled Siggiewi nhar il-21 ta' Marzu, 1955, residenti f'numru 77 'Santa Maria", Triq Papa Pawlu VI, Siggiewi, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 255955(M).

Talli nhar is-6 ta' Settembru, 2004 ghall-habta tas-5.45pm, f'l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal-Qormi, iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jimbdew proceduri kriminali

sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. U dan bi ksur tal-artikolu 110 (2) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;
Talli f'l-istess data u cirkostanzi, halef il-falz quddiem Imhallef, Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament, meta l-gurament kien mehtieg mill-ligi, jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' wahda mill-Qrati ta' Malta. U dan bi ksur tal-artikolu 108 (1) (a) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tad-29 ta' Settemrbu, 2004.

Rat illi l-imputat ma oggezzjonax illi l-kaz tighu jkun trattat u deciz bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Fuq ammissjoni ssibu hati;

Rat l-artikoli 110 (2) u 108 (1) (a) tal-Kap 9;

Wara li rat il-fedina penali nadifa tal-imputat.

Ghalhekk tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-artikolu 22 Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------